**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Inferjuri.**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D. LL.M, Adv. Trib. Eccl. Melit**

**Seduta tas-27 ta' Gunju 2019**

**Avviz Numru 03/2019**

**Steward Malta Management Limited ( C -70624)**

**vs**

**Dirk Piersma**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' Steward Malta Management Limited ( C- 70624) fis-16 ta' April, 2019 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut:

1. Ihallasha s-somma ta' sitt elef, mitejn u tnejn u hamsin Ewro u tlettax –il centezmu(€6,252.13) rapprezentanti l-bilanc minn ammont akbar illi ghadu dovut ghal servizzi medici rezi lilu fl-Isptar Generali ta' Ghawdex , hekk kif imexxi mis-socjeta rikorrenti, u dana kollu fuq struzzjonjijiet tieghu stess; kollox kif jinsab deskritt ahjar f'dokumenti "A1" – "A4" hawn annessi.

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali intavolata ai termini tal-Artikolu 166A tal Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta numru 28/19 fl-ismijiet Steward Malta Management Limited vs Dirk Piersma", u dawk tal-mandat ta' sekwestru (Kawtelatorju) fl-istess ismijiet u pprezentat kontestwalment mal-istess ittra ufficjali; u bl-imghax skond il-ligi u bl-ingunzjonji ghas-subizzjoni li ghaliha l-intimat huwa minn issa ingunt.

Rat id-digriet tal-24 ta' April, 2019 fejn il-kawza giet appuntata ghas-smigh tas-seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2019, b'dan illi sas-seduta appuntata is-socjeta attrici

kellha tipprezenta affidavits u dokumentazzjoni relatata mal-kawza , liema affaidavits u dokumenti kellhom jigi notifikati lil kontro-parti.Rat illi is-socjeta attrici ipprezentat l-affidavits u id-dokumenti dak inhar tas-seduta fl-14 ta' Gunju, 2019.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2019 fejn il-konvenut resaq biex jipprezenta ir-risposta tieghu seduta stante. Is-socjeta attrici ikkontestat din il-prezentata u tramite il-legali taghha affermat illi il-konvenut kellu jitqies kontumaci stante li ma kienx ressaq ir-risposta tieghu qabel is-seduta.

Il-partijiet iverbalizzaw il-pozizzjoni taghhom li qed tigi riprodotta hawnhekk :

"Dr. Kevin Mompalao ghal konvenut jirrileva illi fil-Qrati inferjuri jkun hemm kontumacja biss meta fl-ewwel dehra ma jidhirx il-konvenut biex jirrispondi ghat-talbiet attrici. F'dawn il-Qrti ma hemm l-ebda obbligu illi il-konvenut jintavola risposta fi zmien ghoxrin gurnata tant illi fi procedura simili il-konvenut jista sahansitra jivverbalizza r-risposti minghajr ma jintavola risposta formali.

Fil-kaz odjern l-esponent prezenti fl-awla qieghed jintavola r-risposta u jobbliga ruhu illi skont il-procedura Tariffa A, paragrafu 3(1)(d) ihallas id-dritt tar-registru, mill-bqija l-artikolu relevanti huwa l-artikolu 171(1) tal-Kapitolu 12."

Minn naha tieghu l-abbli difensur tas-socjeta attrici oppona it-talba ghal prezentata tar-risposta seduta stante u ivverbalizza illi:

" ..jaghmel referenza ghal numru ta' sentenzi fosthom dik fl-ismjiet Caruana Karen kontra Chetcuti, Avviz 51/2003. Dik fl-ismijiet L-Inginier Emanuel Farrugia kontra Felix Agius Avviz 203/2003, kif ukoll l-appell inferjuri fl-ismijiet Fenici Insurance kontra Paul Stoner et. Deciza fit-22 ta' Novembru 2002, mill-Imhallef Sciberras illi lkoll jikkonfermaw illi la darba ma tigix pprezentata risposta l-kontumacja trid tigi gustifikata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, haga li f'dan il-kaz baqghet ma saritx."

Ikkunsidrat:
Jirrizulta illi il-konvenut gie notifikat bl-avviz tas-socjeta rikorrenta fit-30 ta' April, 2019. Jirrizulta wkoll illi sas-seduta il-konvenut ma ipprezenta ebda risposta u ppretenda illi jintavola ir-risposta waqt dik is-seduta.

Minn naha taghha is-socjeta rikorrenta fis-seduta ta' l-14 ta'Gunju, 2019, jigifieri waqt l-ewwel seduta ipprezentat l-affidavits u id-dokumenti relatati mal-kaz.

Il-konvenut fil-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2019 ghamel referenza ghat-Tariffa A, paragrafu 3(1)(d) liema paragrafu ma jsibx l-applikazzjoni tieghu ghal kaz in ezami. Din il-Qorti madankollu harset lejn Paragrafu 3 (2)(d) li jipprovdi hekk:
"**Fil-kaz ta' procedimenti sommarji specjali jew procedimenti fil-Qorti tal-Magistrati jew procedimenti ohra fejn l-att tal-procedura jigi pprezentat fil-Qorti u mhux fir-registru id-drittijiet ghandhom jithallsu mhux aktar tard mill-gurnata ta' qabel is-seduta wara li jigi ppezentat l-att u jekk ma jsirx il-hlas dak l-att tal-procedura jitqies bhala li ma jkunx sar**."

Dan jimplika illi l-att tal-procedura, meta il-procediment huwa wiehed fil-Qorti tal-Magistrati, bhal dak in ezami, jista jigi ipprezentat in awla u sakemm il-hlas tad-drittijiet jigi effettwat gurnata qabel is-seduta illi jmiss, dak l-att jitqies illi jkun sar.

Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tevalwa xi tfisser kontumacja. Din gejja mill-kelma "Kontumelia" li tfisser disprezz. Dan id-disprezz jew insult jirrizulta meta il-konvenut wara illi jigi notifikat bl-att gudizzjarju, fil-kaz in ezami l-avviz, jinjorah. Din hija biss, izda definizzjoni tal-kelma u ma tindikax liema elementi jammontaw ghal dan id-disprezz jew insult. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet "**Dr. Giannella Caruana Curran vs 1. Stephen Chetcuti u Frank Theuma (Avviz Numru. 51/2003)** " il-Qorti ghalkemm fissret x'inhi kontumacja ma dahlitx fl-elementi illi huwa necessarju illi jikonkorru sabiex jkun hemm kontumacja.

L-elementi necessarji sabiex jkun hemm kontumacja gew stabbiliti mill- Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet " **Costantino Abela vs George Azzopardi** deciz fit-28 ta' Mejju, 1990 il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi :

" **Il-kontumacja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest li assenza mill-atti trid tigi konfermata b'assenza bhallikieku huwa kontumaci fis-sens pjen tal-kelma**."

Il-pass li jmiss allura huwa dak illi wiehed jistabbilixxi jekk fil-kaz odjern jirrizultax dik imsejha l-*assenza formali*. Paragrafu 3 (2)(d) tat-Tariffa A sucitat tipprovdi fl-ambitu ta' hlas ta' drittijiet ghal cirkostanza fejn l-att jigi ipprezentat fil-Qorti u mhux fir-Registru. Dan jimplika illi risposta tista tigi ipprezentata seduta stante u sakemm id-drittijiet jithallsu sas-seduta li jmiss , dak l-att jitqies illi jkun sar. Fil-kaz in ezami ir-risposta giet debitament ipprezentata waqt l-ewwel seduta u ghalhekk l-assenza formali ma tissustixxix.

Rigward l-assenza sostanzjali, jirrizulta mill-verbal ta' l-14 ta' Gunju, 2019, illi il-konvenut attenda ghas-seduta u ghalhekk lanqas dan it-tieni element ta' *assenza sostanzjali* ma gie sodisfatt.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddikjara illi l-elementi necessarji tal-kontumacja ma gewx sodisfatti u ghalhekk il-konvenut Dirk Piersma ma jistax jitqies bhala kontumaci. Tordna illi il-kawza titkompla.

L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-partijiet nofs kull wiehed.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur